A.L. 250 ta' l-2007

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

Regolamenti ta' l-2007 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun għall-Kaċċa u l-Insib)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, u skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 10(6)(t) tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2007 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun għall-Kaċċa u l-Insib).

Tifsir.

A.L. 79 ta' l-2006.

2. Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsira bħal dak mogħti fir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti ta' l-2006".

Jiġi stabbilit l-istaġun.

3. Għall-finijiet li jistabbilixxi l-istaġun għall-kaċċa u l-insib ta' l-għasafar taħt ir-regolament 10 (6)(t)(i),(ii) u (iii) tar-Regolamenti ta' l-2006, il-Ministru stabbilixxa:-

(a) kaċċa minn fuq l-art għandha ssir bejn l-1 ta' Settembru 2007 u l-31 ta' Jannar 2008, bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u sagħtejn wara nżul ix-xemx fil-ġranet mit-Tnejn sas-Sibt, u bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u s-siegħa ta' wara nofsinhar (1.00 p.m.) fil-Ħdud u l-Festi Pubbliċi:

Iżda, kaċċa minn fuq l-art bejn il-15 ta' Settembru 2007 u t-30 ta' Settembru 2007, ma tistax issir mit-Tnejn sas-Sibt wara l-ħin tat-3.00 ta' wara nofsinhar (3.00 pm);

(b) kaċċa minn fuq il-baħar għandha ssir bejn l-1 ta' Ottubru 2007 u l-31 ta' Jannar 2008;

(ċ) teħid ta' għasafar ta' l-għana għandu jsir bejn l-1 ta' Ottubru 2007 u l-31 ta' Jannar 2008;

(d) teħid ta' Gamiem u Summien għandu jsir bejn l-1 ta' Settembru 2007 u l-31 ta' Jannar 2008;

(e) teħid ta' Pluviera u Malvizz għandu jsir bejn l-20 ta' Ottubru 2007 u l-10 ta' Jannar 2008.

Applikabbilità għat-teħid u kaċċa fuq il-fenek selvaġġ.

4. Il-ħinijiet li japplikaw għat-teħid u l-kaċċa tal-fenek selvaġġ bejn il-15 ta' Settembu 2007 u t-30 ta' Settembu 2007, għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-proviso tal-paragrafu (a) tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti.